

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 959/2014

tat-8 ta' Settembru 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentanta Għolja tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ⁽²⁾ jagħti effett lil ċerti miżuri stipulati fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK u jipprevedi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' persuni fiżiċi responsabbli għal, li jappoġġaw b'mod attiv jew li jimplimentaw, azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabilità jew is-sigurtà fl-Ukraina jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukraina, u ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom; ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina; ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Krimea jew Sevastopol li s-sjeda tagħhom tkun ġiet trasferita b'mod li jmur kontra l-liġi tal-Ukraina, jew ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jkunu bbenefikaw minn tali trasferiment; jew ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li b'mod attiv jappoġġaw materjalment jew finanzjarjament lil, jew jibbenefikaw minn, persuni Russi li jieħdu d-deċiżjoni responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina.
- (2) Fit-8 ta' Settembru 2014, il-Kunsill qabel li jestendi l-miżuri restrittivi bil-ħsieb li jolqot individwi jew entitajiet li jagħmlu tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbass fl-Ukraina. Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/658/PESK ⁽³⁾ li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK u tistipula kriterji tal-ejenkar emendati għal dak il-għan.
- (3) Dik il-miżura taqa' fi ħdan l-ambitu tat-Trattat u, għalhekk, partikolarment bl-intenzjoni li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi implimentata.
- (4) Ir-Regolament(EU) Nru 269/2014 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, għandu jidħol fis-seħħ b'effett immedjat.

⁽¹⁾ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/658/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ara l-paġna 47 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-punt li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

“(e) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jagħmlu tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta’ Donbass fl-Ukraina.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta’ Settembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI
